# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMĦALLEF**

**IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 14 ta' Lulju 2023**

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 626/2023 ISB**

**Andy Calleja**

**Vs**

**L-Onor. Prim Ministru**
**Avukat tal-Istat**
**Onor. Ministru tal-Gustizzja u Governanza, is-Sigurta' Nazzjonali ul-Infurzar tal-Ligi u Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin**

**DIGRIET MOGHTI FIL-MIFTUH GHAR-RIKORS TA' ANDY CALLEJA TAS-27 TA' JANNAR 2023 (FOL 64) LI PERMEZZ TIEGHU HUWA TALAB LILL-QORTI TORDA KORREZZJONI FIR-RIKORS PROMOTUR FIS-SENS ILLI FI TMIEM L-EWWEL TALBA JIZDIEDU L-KLIEM "*U KIF UKOLL DAWK SANCITI FL-ARTIKOLU 36(1) TAL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA U L-ARTIKOLU 3 TAL-KONVENZJONI EWROPEJA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TAL-BNIEDEM*"**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' Andy Calleja tas-27 ta' Jannar 2023;

Rat id-Digriet provvizorju taghha tal-1 ta' Frar 2023;

Rat il-verbal tas-17 ta' Frar 2023 minn fejn jirrizulta illi f'dik l-istess seduta, d-difensuri tal-intimati rtiraw kopja tar-rikors msemmi u talba zmien biex jirrispondu;

Rat ir-Risposta tal-intimati tal-24 ta' Frar 2023;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri waqt is-seduta tal-10 ta' Mejju 2023, u rat illi l-kawza thalliet ghall-llum sabiex tigi stradata wara l-ghoti ta' dan id-digriet, illi ghalkemm hemme jinghad illi kien ser jinghata in camera, b'dana kollu qed jinghata illum fil-miftuh;

Rat l-atti kollha;

## Ikkunsidrat:

Illi bir-rikors tieghu, ir-rikorrent qed jitlob illi ssir korrezzjoni fir-rikors promotur tieghu fis-sens illi fi tmiem l-ewwel talba jizdiedu l-kliem "u kif ukoll dawk sanciti fl-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem".

Ir-rikorrent ighid illi l-fatti illi taw lok ghal din il-kawza, ossia, il-fatt illi "l-awtoritajiet mhux qed jaccettaw illi l-esponent huwa intitolat li japplika quddiem il-Bord tal-Parole wara 25 sena li jibdew jiddekorru mill-14 ta' Novembru 2001" u dan ghar-ragunijiet mfissra fir-rikors, imorru biex jilledu d-drittijiet tieghu mhux biss ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem, izda issa, qed jinvoka ukoll l-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Huwa ghalhekk illi qed jitlob iz-zieda fit-talbiet tieghu.

Ir-rikorrent isostni fir-rikors tieghu illi tali korrezzjoni mhix ser tbiddel in-natura tal-azzjoni minnhu mressqa.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi bir-risposta taghhom, l-intimati jopponu ghal din it-talba u jsostnu illi din it-talba qeghda ssir biss in segwitu ghall-eccezzjonijiet minnhom mressqa ghar-rikors promotur li permezz taghhom, ir-rikorrenti intebah illi l-azzjoni tieghu kif proprosta kienet improponibbli.

Jsostnu illi l-Artikolu 175 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jippermettix korrezzjoni bhal din peress illi din tbiddel is-sustanza tal-azzjoni u konsegwentament l-eccezzjonijiet. Tant, jissottmettu, illi jekk tintlaqa' t-talba, ikollom jigu awtorizzati illi jressqu eccezzjonijiet ulterjuri.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fit-trattazzjoni tal-abbli difensur tar-rikorrenti nghad, illi l-proceduri quddiem din il-Qorti qua Sede Kostituzzjonali huma anqas formali u ghalhekk sostna illi l-Artikolu 175 tal-KAP 12 mhux applikabbli. Zied illi jekk tigi michuda t-talba, ir-rikorrenti dejjem jista' jintavola proceduri godda, li jkun ifisser biss duplikazzjoni ta' kawzi quddiem il-Qrati. Sahaq illi dak mitlub mhux sostituzzjoni tat-talba, izda zieda mat-talba. Huwa sostna illi addirittura, ir-rikorrenti seta' lanqas indika l-artikolu u r-rikors xorta wahda kien jigi trattat u deciz. Jghid ukoll illi jekk l-intimati jhossu illi ghandhom iressqu risposta ulterjuri f'kaz illi r-rikors jigi milqugh – allura dawn ghandhom jinghataw din iul-fakolta'.

Minn naha taghhom, l-abbli difensuri tal-intimati sostnew illi tant it-talba maghmula tbiddel l-azzjoni, illi jekk tintlaqa', allur ahuma jkollox iressqu eccezzjonijiet ulterjuri. Jghid ukoll illi l-Artikolu 175 tal-KAP 12 huwa applikabbli u kbira kemm hi kbira il-latitudini illi ghandha din il-Qorti, b'dana kollu il-procedura trid tigi segwita.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi <u>biss</u> mill-qari tar-rikors promotur, ir-rikorrenti ressaq il-kaz tieghu quddiem din il-Qorti jallega ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti fl-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** ta' Malta u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni** Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem, peress illi jsostni illi:

- fit-3 ta' Gunju 2004 hu kien instab hati f'guri ta' serq aggravat u omicidju volontarju, u gie kkundannat ghal ghomru l-habs, liema sentenza giet kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Gunju 2005;

- illi b'sentenza tal-5 ta' Ottubru 2018 fil-kaz *Brian Vella vs Onor. Prim Ministru,* il-Qorti Kostituzzjonali laqghet talba tal-hemmek rikorrent u ddikjarat illi huwa ghandu dritt ta' revizjoni tas-sentenza tieghu anke jekk kien wehel l-ghomor;

- illi jaghmel referza ukoll ghal sentenzi ohrajn u jsostni illi fil-fatt kien inbeda' process legislattiv biex isir bdil fl-Att dwar il-Gustizzja Riparatrici, liema process ma giex finalizzat.

- isosnti, ukoll b'referenza ghall-kazistika, illi anke l-perjodu tal-arrest preventiv ghandu jghodd mal-perjodu ta' 25 sena, li ma ghandux jibda jiddekkorri mid-data tas-sentenza tal-guri.

Illi a bazi ta' dawn il-fatti illi huwa talab illi hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni – *dispozizzjoni biex tigi zgurata protezzoni tal-ligi* – u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Illi kien wara l-prezentata tar-risposta ghall-kawza da parti tal-intimati, fejn fost ohrajn jeceppixxu l-inapplikabilita' tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-kaz kif mressaq, illi r-rikorrent ressaq ir-rikors li qeighed jigi hawnekk trattat u deciz.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-Qorti mhix ser tesprimi ruha dwar l-eccezzjoni kif mressqa, anke ghaliex it-talba kif hawnekk maghmula mhix dik illi issir sostituzzjoni tal-Artikoli originarjament citati, izda zieda maghhom. Dan ifisser illi huwa fis-sentenza finali illi l-Qorti trid tesprimi ruha dwar dawn l-Artikoli.

Il-Qorti tibda biex tqis illi l-Artikolu 175(1) tal-KAP 12 ghandu applikabbilita' fil-kaz odjern u fi proceduri quddiem il-kompetenza ta' din il-Qorti, u ssib komfort anke mill-fatt illi f'diversi kazijiet, kemm din il-Qorti u kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali, applikat it-*test* tal-imsemmi provvediment[1].

Il-Qorti ghalhekk trid tara jekk, kif permess bl-istess artikolu 175(1) tal-KAP 12, ossia illi *"jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt"* sakemm "*dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża",* fil-kaz odjern, isirx hekk.

Il-Qorti tqis illi r-rikorrent qed jittenta jzid l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta – *protezzjoni minn trattament inuman* – u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni fit-talba tieghu, fis-sens illi l-fatti li ser jittenta jipprova u kif gja dikjatati minnhu fir-rikors promotur tieghu jmorru biex jiksru ukoll id-drittijiet fondamentali tieghu anke fir-rigward u l-kuntest tal-imsemmija artikoli.

Il-Qorti ma tqis illi b'daqsekk mhux ser ikun hemm bdil fis-sustanza tal-kawza ntavolata minnhu u ghandha ghaliex tifhem illi l-allegazzjoni tal-

[1] Per ezempju (a) 41/21/1LM **Anne Sultana u Bridget Cassar Borg Olivier v. Agnes Caruana u Avukat tal-Istat –** 9.03.2022; (b) **Maria Gialanze` v. Carmen u Georgette Mizzi; L-Avukat tal-Istat; L-Awtorita` tad-Djar** - 30.03.2022 u (c) 26/2013/LSO **Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et** – provvediment tal-Qorti Kostituzzjonali 28.07.2016

ksur tal-jeddijiet fondamentali tieghu ai termini ta' dawn l-artikoli tinseg mill-istess fatti li jaghmel referenza ghalihom u li gew hawn fuq elenkati. Ulterjorment, il-Qorti tqis illi fondamentalment tibqa' azzjoni fejn ir-rikorrenti qed jallega ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu.

Il-Qorti tirreferi ghall-provvediment li tat din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Jannar 2023 fil-kawza fl-ismijiet ***Marcus Scicluna Marshall et vs L-Avukat tal-Istat***,[2] fejn intqal hekk:

> *18. Fl-istess ħin il-Qorti tqis illi bil-korrezzjoni mitluba mhux ser tinbidel is-sustanza tal-azzjoni li kif rajna tirrigwarda allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fundamentali minħabba il-kirja forzata fuq l-atturi. Bil-korrezzjoni mitluba s-sustanza tal-azzjoni kienet u ser tibqa' it-talba tal-atturi għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-jedd fundamentali konvenzjonali u/jew kostituzzjonali tagħhom minħabba l-kirja tal-fond.*

Bl-istess mod f'dan il-kaz odjern, il-Qorti tqis illi l-azzjoni kienet u ser tibqa' it-talba tal-attur ghal dikjarazzjoni ta' ksur tal-jedd fundamentali tieghu minhabba l-fatti fuq esposti.

Il-Qorti tqis ukoll, illi kif gja premess mid-difensur tar-rikorrenti, jekk tali talba ma tintlaqax, allura ir-rikorrent jkolli jghaddi biex jintavola proceduri godda – u l-Qorti tqis illi xejn ma jzomm lir-rikorrenti milli jaghmel dan. Illi filwaqt illi din l-asserzjoni ma tfissirx illi fiha inniffisha din il-Qorti ghandha tilqa' t-talba, b'dana kollu ma hemmx dubbju f'mohh il-Qorti, illi dan ikun ifisser biss spejjes zejda u duplikazzjoni ta' kazijiet li mhux fl-interess tal-ekonomija tal-gudizzju.

Il-Qorti terga' taghmel referenza ghall-provvediment li tat din il-Qorti hawn fuq citat[3], fejn intqal hekk:

> *11. Dan l-artikolu tal-liġi, li jaf l-oriġini tiegħu għall-ewwel kodiċi ta' organizzazzjoni u proċedura ċivili lura f'nofs is-seklu tmintax, serva tajjeb ħafna l-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'pajjiżna għaliex bis-saħħa tiegħu huma bla għadd il-każijiet li fihom ġie evitat li xi att afflitt minn xi żball iwassal għal tmiem hesrem tal-proċedura ġudizzjarja mingħajr ġudizzju filmertu bil-ħtieġa ta' intavolar ta' azzjoni ġdida bil-konsegwenti spejjeż addizzjonali u ħin mitluf.*

---

[2] 346/2022RGM

[3] Marcus Scicluna Marshall et vs L-Avukat tal-Istat

*12. Ir-ratio wara dan l-artikolu huwa evidenti, sabiex jiġu evitati dupliċita' ta' kawżi u formaliżmu rigoruż li ħafna drabi jwassal sabiex jiġi stultifikat il- kunċett tal-ġustizzja (Edwin Mirabelli noe vs James Gollcher et noe - Qorti tal-Appell - 14 ta' Marzu 1988).*

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Dicembru 2022[4] fl-ismijiet ***Emanuel Caruana vs Avukat tal-Istat et*** fejn intqal hekk:

*13. Din il-Qorti ma taqbilx li l-korrezzjoni mitluba mill-attur ser tibdel is-sustanza tal-kawża ntavolata minnu. Il-kawża tal-attur hija bbażata fuq il-fatt li huwa qed isofri ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba t-titolu ta' inkwilinat protett tal-konvenuti Zammit, u partikolarment ir-restrizzjoni stabbilita fil-liġi dwar il-kera pagabbli minnhom. Il-korrezzjoni mitluba mill-attur ser tibdel biss is-sors tal-liġi li allegatament toħloq din il-protezzjoni għall-inkwilini Zammit u l-allegat konsegwenti ksur ta' drittijiet fondamentali tiegħu.*

*14. Il-Qorti tkompli billi tosserva li nonostante l-korrezzjoni proposta mill-attur, il-provi tal-partijiet x'aktarx ser jibqgħu eżatt l-istess, partikolarment f'dak li jirrigwarda ir-relazzjoni tal-perit tekniku, u saħansitra d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx x'iżidu dwar il-mertu tal-kawża li tista' titħalla għas-sentenza. Ikkonsidrat li jekk it-talba tal-attur għall-korrezzjoni ma tiġix milqugħa il-kawża tista' tiġi riproposta minnu, il-Qorti tqis li ma jkunx fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u tal-partijiet stess li t-talba tal-attur għall-korrezzjoni ma tiġix milqugħa b'mod li l-partijiet ikollhom jerġgħu jinkorru għall-darba oħra l-ispejjeż kollha diġà inkorsi minnhom.*

*15. Għaldaqstant il-Qorti tqis li t-talba tal-attur għall-korrezzjoni fir-rikors promotur tiegħu qed tiġi milqugħa billi tawtorizza l-korrezzjoni mitluba minnu u tordna li kull fejn hemm il-kliem "Kapitolu 158" fir-rikors promotur tal-attur jiżdiedu l-kliem "u/jew il-Kapitolu 69."*

Il-Qorti tqis ghalhekk illi t-talba maghmula timmerita illi tintlaqa', kemm fl-interess tal-gustizzja, mhux lanqas l-ekonomija tal-gudizzju, imma kif ukoll

[4] 20/2020/1

peress illi l-korrezzjoni sejra biss izzid mat-talba illi diga' hemm (u li ser tibqa'), dritt fundamentali iehor illi huwa allegat illi nkiser rizultat tal-istess fatti gja dikjarati, u dan mhux jitqies illi jbiddel is-sustanza tal-kawza, anke jekk il-Qorti thoss opportun illi jkunu ben salvagwardati l-interessi tal-intimati.

**GHALDAQSTANT**, maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qed tghaddi biex **tilqa'** t-talba tar-rikorrenti maghmula fir-rikors tieghu tas-27 ta' Jannar 2023 u

a) tawtorizza illi ssir korrezzjoni fir-rikors promotur fis-sens illi fi tmiem l-ewwel talba jizdiedu l-kliem "*u kif ukoll dawk sanciti fl-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem*";

b) tawtorizza lill-intimati, sabiex jekk ihossu oppportun, jressqu risposta ulterjuri fi zmien ghoxrin jum mill-llum, u

c) tirrizerva illi tipprovdi mas-sentenza finali dwar spejjes ulterjuri illi l-intimati jistghu jinkorru konsegwenza ta' din il-korrezzjoni.

Spejjes relatati ma' dan il-provvediment ghar-rikorrenti.

**DIGRIET moghti fil-miftuh illum 14 ta' Lulju 2023.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Onor. Imhallef** | **Deputat Registratur** |